# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Romina Bugeja**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Romina Bugeja**, li għandha l-karta tal-identita bin-numri 325677M li permezz tagħha hija ġiet akkużata talli fit-2 ta' Novembru 2014 għall-ħabta tal-għaxra ta' fil-għodu fir-residenza "Edera", Triq Mons Anton Cilia, Ħaż-Żebbuġ, Malta :

(a) ħebbet fuq il-persuna ta' Emmanuel Bugeja u kkaġunatlu ġrieħi ta' natura ħafifa skont ma ċċertifika Dr. R. Sammut reg. 1819 miċ-Ċentru tal-F/H/C;

(b) u aktar talli eżerċitat jekk li tippretendi li għandha billi fid-dar matrimonjali sakkret xi bibien bil-konsegwenza li żewġha ma kellux aċċess għalihom.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***Ikkunsidrat : -***

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li fid-dati in kwistjoni bejn l-imputata u l-parte civile inqala' inċident. Jidher li kien hemm xi forma ta' kollutazzjoni bejniethom kif jirriżulta ċar mill-provi. Issa minkejja li l-Qorti hija konvinta moralment li kien hemm din il-kollutazzjoni bejniethom, il-provi fir-rigward tad-dinamika tal-istess u tal-mod kif l-allegata offiża ħafifa li suppost ġiet kaġunata fuq il-persuna tal-parte civile huma alkwantu konfliġġenti.

Il-parte civile jtenni li huwa ġie migdum mill-imputata fil-minkeb. Jgħid ukoll li ppreżenta ċertifikat mediku f'dan is-sens wara li huwa kien ġie invistat minn tabib fil-Poliklinika tal-Floriana. Iżda l-Qorti rat li ebda evidenza ma ġiet prodotta f'dan is-sens. La ċ-ċertifikat tat-tabib u wisq anqas ix-xiehda tal-istess allegat tabib ma ġiet ippreżentata lilha. Għalkemm dan iċ-ċertifikat u din ix-xiehda ma humiex determinanti biex tkun tista' tinstab ħtija o meno fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, fid-dawl tal-konflitt serju fil-provi imresqin f'dan il-każ fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti ma tqisx li jkun *safe and satisfactory* li fuq din il-kwalita ta' evidenza konfliġġenti tal-partijiet biss issib ħtija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni. Jirriżulta li kien hemm xi forma ta' kollutazzjoni bejn il-partijiet iżda l-eżistenza tal-offiża nonche n-natura

tal-offiża ma tqisx li ġew soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi.

Illi kwantu għat-tieni imputazzjoni, il-Qorti diġa esprimiet ruħha dwar dan il-fatt f'sentenza li ingħatat kontra l-imputata illum stess fuq il-każ fejn hija, f'dati preċedenti, għażlet li tieħu l-Liġi b'idejha u sakkret il-bibien interni permezz ta' ċavetta jew ċwievet li kienu ġew unikament fil-pussess tagħha b'mod li b'din l-azzjoni tagħha ċaħdet, temporanjament, lill-parte civile d-dritt t'aċċess għall-imsemmija kmamar u għall-effetti mobbli komuni kontenuti f'dawk il-kmamar.

Kif diġa intqal fis-sentenza hawn fuq imsemmija, l-elementi tar-reat ta' ragion fattasi huma dawn : -

a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna ;
b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt ;
c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali ;
d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi ;

Ir-raġuni prinċipali għaliex din il-Qorti kienet sabet ħtija fl-imputata f'dak il-każ kienet li hija unilateralment fiżikament sakkret lill-imputat barra minn dawn il-kmamar billi qabdet iċ-ċavetta jew ċwievet uniċi għall-dawn il-bibien, ħadithom lil hemm mill-isfera tal-pussess komuni bejnha u bejn żewġha, żammithom hi biss u b'hekk ipprekludiet lil

żewġha mid-dritt t'aċċess għall-istess ċwievet biex permezz tagħhom ikun jista' jaċċedi għall-dawn il-kmamar u l-effetti mobbli hemm kontenuti. L-*istatus quo* bejn il-partijiet f'dak il-versant ġie turbat bl-azzjoni unilaterali tal-imputata fl-isfond tal-kontroversja ċara li kienet teżisti bejn il-partijiet.

Issa f'dan il-każ, l-imputata ma bidlitx is-serraturi jew għamlet xi forma oħra ta' sokor minflok jew in aġġunta mas-serraturi li kienu installati fl-istess bibien. L-anqas għamlet xi azzjoni li permezz tagħha s-serraturi sarilhom xi kambjament irriversibbli. Xejn minn dan. Ħalliet kollox kif kien bid-differenza li hija ħadet fil-pussess esklussiv tagħha il-mezz li bih il-bibien setgħu jinfetħu bil-mod normali u naturali skont il-mod kif kienu maħduma originarjament. Konsegwentement hija ċaħdet lil żewġha mill-pussess mhux biss taċ-ċwievet iżda aktar minn hekk għall-kmamar u għall-effetti mobbli l-oħra li kienu jinsabu fihom.

Minħabba din l-azzjoni unilaterali il-parte civile sab lilu nnifsu għall-għarrieda maqful barra minn dawn il-kmamar mingħajr rimedju fiżiku u prattiku (almenu fl-immedjat) sabiex ikun jista' jaċċedi għall-dawn il-kmamar. Dakinhar li l-imputata għażlet li tieħu fl-isfera tal-pussess esklussiv tagħha dawn iċ-ċwievet, il-parte civile spiċċa li mingħajr dawn iċ-ċwievet huwa ma setgħax jiftaħ dawn il-bibien skont il-mod kif kienu maħduma oriġinarjament u mingħajr ma jirrikorri għal mezzi tal-autosoddisfazzjoni sabiex ikun jista jirripristina d-dritt tiegħu ta' aċċess

għall-istess kmamar u effetti mobbli, bħal, per eżempju, billi jiżgassa jew jisfronda l-bibien b'mod ukoll li jirreka dannu lill-istess bibien.

Bl-azzjoni tagħha l-imputata kienet ivvjolat l-*istatus quo* bejn il-partijiet f'kuntest fejn kienet diġa tirrenja kontroversja fil-fatt u fid-dritt bejniethom.

Dan għalhekk wassal sabiex bl-azzjoni tagħha l-imputata integrat l-ewwel element tar-reat ta' ragion fattasi fis-sens li bl-att estern tagħha hija impediet lil żewġha minn dritt li huwa jgawdi, u dan bid-dissens espliċitu jew impliċitu tiegħu – u f'kuntest fejn huwa, f'dak il-mument ta' żmien ma kellu ebda mezz biex ikun jista' jirripristina l-pussess tiegħu b'mod leġittimu.

Dan l-impediment kreat mill-imputata ried ikollu effett tali li effettivament jippriva lil żewġha mid-dritt li huwa kien igawdi. U f'dak iż-żmien hekk ġara għaliex għal perjodu ta' żmien żewġha ma kellux aċċess għall-istess kmamar minħabba l-azzjoni unilaterali tagħha. Jiġifieri dan l-impediment ossija d-deprivazzjoni mit-tgawdija irid ikollu effett u konsegwenzi oġġettivi biex ir-reat ikun jista' jiġi integrat. Id-deprivazzjoni mit-tgawdija tista' tkun oġġettiva : -

(a) f'sens assolut – fejn is-suġġett passiv ma jkun jista' jagħmel xejn aktar biex ikun jista' jiġi jirripristina t-tgawdija ta' dak id-dritt –

għajr ħlief tadixxi l-awtorita ġudizzjarja kompetenti biex jirripristina l-*istatus quo*; jew

(b) f'sens relattiv fis-sens li minħabba fl-impediment is-suġġett passiv tkun tista' tirrikorri għal mezzi prattiċi (li l-ġurisprudenza Taljana tirreferi għaliha bħala *auto-reintegrazione*) oħra biex tkun tista' terġa takkwista lura dik it-tgawdija tal-istess jedd u tirripristina l-*istatus quo* b'mod leġittimu.

Issa f'dan il-każ, fid-data tal-inċident meritu ta' din il-kawża, il-Qorti tqis li l-isfond fattwali u ċirkostanzjali ma baqgħax l-istess bħal ma kien dak fix-xahar ta' Settembru 2014 (u żgur sax-xahar t'Ottubru 2014) u li diġa wassal għal deċiżjoni kundannatorja minn din il-Qorti. Il-fatt li l-parte civile irnexxielu jsib jixtri ċ-ċwievet tas-serraturi għall-bibien *de quo* biddel ix-xenarju ta' dan il-każ għaliex issa huwa, mill-mument li xtara ċ-ċwievet negati lilu mill-imputata preċedentement, huwa reġgħa akkwista u qiegħed lilu nnifsu fl-i*status quo ante* fejn setgħa jerġa jibda leġittimament jeżerċita l-jeddijiet preċedentement imċaħda lilu. L-effetti permanenti tar-reat ta' *ragion fattasi* issa allura ġew newtralizzati.

Għalkemm huwa minnu li l-azzjoni tal-imputata li ssakkar lill-parte civile barra minn dawn il-kmamar tibqa' l-istess, u l-intenzjoni tagħha baqgħet invarjata u sseħħ kull darba li hija sakkret il-bibien warajha, id-differenza titnissel mill-fatt li fil-jum tal-inċidenti de quo, il-parte civile ma baqgħax aktar fl-impossibilita' li jkollu aċċess għall-istess kmamar u

għalhekk egħeleb l-impediment li ġie maħluq bl-azzjoni tal-imputata. Jiġifieri bl-azzjoni pożittiva tiegħu stess il-parte civile, b'mod leċitu, għeleb dak l-impediment u l-effetti permanenti tar-reat ta' ragion fattasi li kienu ġew imposti fuqu bl-azzjoni unilaterali tal-imputata. L-att estern tagħha għalhekk issa sar fattwalment u ġuridikament ineffikaċi għax ma baqalux aktar l-effett li jippriva lill-parte civile mid-dritt li huwa kien igawdi; u dan għaliex dan l-impediment issa spiċċa b'mod oġġettiv.

Verament li għal dak li jirrigwarda lill-imputata, il-fatt li l-parte civile kien akkwista l-kopja taċ-ċwievet kienet għaliha kemm fattur estraneju għar-rieda tagħha daqskemm kien fatt sorprendenti. Li kien għaliha huwa kellu jibqa' maqful barra, għax dik kienet l-intenzjoni tagħha motivata, skontha, mill-ħtieġa li tipproteġi lilha nnifisa minn xi att t'aggressjoni, vendikazzjoni jew qatgħa da parti tal-imputat. Li kien għall-imputata, l-aċċess tal-parte civile għal dawk il-kmamar kellu jibqa' negat.

Iżda fil-prattika li ġara huwa li bil-fatt li l-parte civile irnexxielu jsib il-mezz alternattiv, legali u regolari kif jaċċedi għall-istess kmamar permezz tal-mezz appożitu li bih jirnexxielu jaċċedi għal dawk il-kmamar, wassal sabiex issa, wara li huwa akkwista l-istess ċwievet, huwa ma baqgħax aktar fl-impossibilita li jaċċedi għall-dawk il-kmamar

u għalhekk b'mezzi leċiti l-impediment maħluq minn martu ġie kompletament sorvolat u l-impediment reż inutli u ineffikaċi.

Bl-azzjoni tiegħu il-parte civile irnexxielu irripristina l-iżbilanċ maħluq bl-azzjoni unilaterali tal-imputata. Dan huwa wkoll żbilanċ li l-Liġi trid tivvjeta bl-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali. Meta l-konjuġi jkollhom pussess ugwali għaċ-ċwievet tal-bibien interni (kemm jekk għall-unika ċavetta jew jekk ikollhom ċwievet kull wieħed għall-istess bibien) l-azzjoni ta' konjuġi li jsakkar il-bieb ta' kamra fid-dar matrimonjali per se, anke jekk kontra r-rieda tal-konjuġi l-ieħor, ma jwassalx, għall-dak il-fatt biss, għall-kommissjoni tar-reat ta' ragion fattasi. Dan għaliex jekk il-konjuġi l-ieħor ikollu l-mezz kif huwa jiftaħ dak il-bieb ma jistax jilmenta li b'dak is-sokor biss da parti tal-konjuġi l-ieħor, ikun ġie vjolat l-*istatus quo* b'mod li jkun ġie krejat xi impediment oġġettiv milli jeżerċita l-jeddijiet tiegħu. Dan għaliex kull ma jkun irid jagħmel huwa li jaqbad iċ-ċavetta tiegħu u jeżerċita d-dritt li għandu li jerġa' jiftaħ dak il-bieb li jkun ġie msakkar. B'hekk l-azzjoni unilaterali ta' parti ma tkunx tista' twassal għal impediment ta' tgawdija ta' dritt in kwantu din tkun tista' tiġi kontrobilanċjata mill-azzjoni tal-eżerċizzju tad-dritt tal-auto-reintegrazzjoni, anke jekk unilaterali tal-parti l-oħra, li tuża ċ-ċavetta tagħha biex tiftaħ l-istess bieb meta trid.

Biss is-sitwazzjoni tkun differenti meta bejn il-konjuġi jkun hemm ċavetta waħda u l-konjuġi ma jaqblux bejniethom x'użu għandu jsir

minn dik iċ-ċavetta fir-rigward ta' jekk bieb għandux jiġi msakkar jew le; jew fil-każ fejn konjuġi minnhom japproprja ruħu miċ-ċwievet kollha għad-disposizzjoni tagħhom u jimpedixxi lill-konjuġi l-ieħor mit-tgawdija u użu ta' dawn iċ-ċwievet.

Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-konjuġi jew fin-nuqqas ta' deċiżjoni tal-awtorita' ġudizzjarja kompetenti, mhux possibbli li konjuġi minnhom jieħu azzjoni unilaterali billi minbarra li japproprija ruħu miċ-ċavetta unika tal-bieb jew taċ-ċwievet eżistenti, jagħżel ukoll li jsakkar dak il-bieb b'mod li konsegwentement ikun qiegħed jagħlaq lill-konjuġi l-ieħor barra minn dik il-kamra biex b'hekk jiċċaħħadlu d-dritt t'aċċess għall-kamra u għall-effetti mobbli hemmhekk kontenuti – anke jekk dan isir għal żmien qasir. Din l-azzjoni unilaterali toħloq sitwazzjoni ta' żbilanċ bejn il-jeddijiet rispettivi tal-konjuġi b'mod li Qorti ta' kriminali ġudikatura ma tistax ma tiċċensurax taħt id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 85.

Konsegwentement, din il-Qorti ma tistax tqis li issa li l-parte civile egħleb dan l-impediment billi reġgħa għandu l-aċċess liberu għall-dawn il-kmamar, l-ewwel element tar-reat ta' ragion fattasi baqa' soddisfatt meta fid-data tal-inċident de quo huwa diġa kien jinsab fil-pussess taċ-ċwievet għall-istess bibien – anke jekk mhux l-istess ċavetta jew ċwievet li kienet ħadet martu mingħandu.

Issa bil-fatt li l-parte civile għandu ċ-ċwievet f'idu jqiegħed lill-imputata fl-impossibilta' li tikkommetti l-ewwel element tar-reat ta' ragion fattasi bil-fatt biss li hija kienet sakkret il-bibien tal-kmamar biċ-ċavetta fil-jum tal-inċident de quo u dan in kwantu li issa b'din l-azzjoni biss minn naħa tagħha hija ma baqgħetx aktar tista' timpedixxi lill-parte civile minn xi dritt li huwa jgawdi fir-rigward tal-aċċess għall-kmamar u għall-effetti mobbli li hemm ġewwa.

Dan qed jingħad ukoll in kwantu li f'dan il-każ is-sokor permezz taċ-ċwievet tas-serraturi ta' dawn il-bibien kienu l-uniku mezz li permezz tiegħu dawn il-bibien setgħu jiġu msakra; u li ma kienx hemm mezz ta' sokor ieħor li l-parte civile ma kellhiex aċċess għalih.  Kien ikun xort'oħra kieku minbarra s-sokor tas-serratura biċ-ċavetta biss l-imputata adoperat xi mezz ieħor estranju għas-serratura tal-bibien bħal per eżempju li kieku adoperat ukoll xi bdil fis-serratura, jew xi katnazz jew mezz ta' sokor ieħor li għalih żewġha ma setgħax kellu l-mezzi biex jiftaħhom.  Del resto r-reat ta' ragion fattasi ma jistax jiġi kommess biss bl-intenzjoni doluża kemm hi doluża tas-suġġett attiv.

In definittiva l-ewwel element ma jistax issa jiġi ritenut soddisfatt aktar in kwantu tipprova kemm tipprova l-imputata timpedixxi lill-parte civile milli jidħol fil-kmamar billi ssakkar il-bibien biċ-ċwievet, b'din l-azzjoni biss hija mhux ser jirnexxielha aktar timpedixxi lill-parte civile mill-eżerċizzju tad-drittijiet t'aċċess tiegħu aktar.  U dan għaliex huwa

għandu l-mezz leġittimu f'idu biex ikun jista' jidħol f'dawn il-kmamar meta jrid u meta jogħġbu.

U jekk trid teskludi lil żewġha milli jagħmel dan, l-unika affarijiet li tista' tagħmel huwa jew li tiftiehem miegħu jew inkella tadixxi lill-Qorti kompetenti biex iġġib awtorizzazzjoni ġudizzjarja biex tkun tista ssakkar xi bibien interni fid-dar tagħha ad esklużjoni ta' żewġha.

## ***Decide***

Li għar-raġunijiet premessi il-Qorti qegħda ssib lill-imputata Romina Bugeja mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u tilliberaha minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija illum il-11 ta' Diċembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***